MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Numru. 202/2008

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**vs**
**GM**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat GM gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, fis-sajf tas-sena 2003, u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa l-akkwata tar-Ramla taz-Zejtun u ta' Delimara kif ukoll fil-post, Omissis meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil KB meta kien ghad kellu hdax-il sena persuna ta' taht l-eta, liema delitt sar minnu li jigi axxendent u li kellu il-kontroll temporanju ta' l-istess minuri;

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi minuri KB kontra l-volonta tieghu, u dan bhala mezz biex imsemmija minuri jigi mgieghel jaghmel xi haga jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni KB;

4. Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

F’kaz ta’ htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna involuta u l-familja taghha ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Dicembru 2009 (esebita a fol. 275 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 201, 202(b), 203 u 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 18, 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 18 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) fl-artikoli 18 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta’ Gunju 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegati atti ta' korruzzjoni ta' minuri jew attentat ghall-pudur ta' KB liema atti xi drabi saru f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku miz-ziju ta' omm il-minuri, u cioe' l-imputat fil-kawza, u li bdew l-ewwel darba fl-1994 meta KB kellu hdax il-sena u komplew fuq perijodu ta' snin sakemm KB sar maggorenni u anki ghal ftit ta' zmien wara u kienu jigru kull darba li l-imputat li kien jghix il-Kanada kien jigi ghall-btala f'Malta. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti fejn min-naha l-wahda hemm il-verzjoni tal-vittma KB li jaghti rendikont dettaljat tal-abbuz sesswali li sehh matul is-snin u min-naha l-ohra il-verzjoni tal-imputat li jichad dak kollu allegat minn KB. Il-Qorti trid ghalhekk tifli b'reqqa kbira x-xhieda tal-vittma, u cioe' dik ta' KB, u dik tal-imputat GM sabiex tkun tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar sejbien ta' htijia o meno.  KB jindika li l-ewwel abbuz gie maghmul fuqhu fis-sena 1994 (a fol 29) u kompla wara din id-data sal-2005 (a fol 30) pero' l-akkuzi jirreferu biss sal-2003. Ir-rapport li ghamel mal-Pulizija KB fuq dan il-kaz sar fis-sena 2007 waqt li l-imputat deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu f'Settembru tal-2008.

Ikkunsidrat

KB xehed l-ewwel darba f'din il-kawza bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tat-29 ta' Settembru 2008 fejn huwa qal li kien ghamel rapport lill-Pulizija fis-sena 2007 minhabba l-fatt li meta kien tifel zghir u cioe' meta kellu biss hdax-il sena, fis-sena 1994, kien gie abbuzat miz-ziju t'ommu u cioe l-imputat GM. L-imputat

GM meta gie ghal btala mill-Kanada kien hadu jghum fil-vicinanzi ta’ Delimara fejn kien jarma kamp u l-imputat kien jinza’ gharwien quddiemu u jgieghlu jmiss il-parti privata tieghu u jaghmel affarijiet li ma jkunx irid fejn kien jaqbadlu l-parti privata tieghu biex joqghod jimmasturbah kif ukoll kien joqghod jaghmel lilhu. Dawn graw diversi drabi kull meta kien jigi Malta. Huwa zied li dawn bdew meta kellu hdax-il sena sakemm ghalaq it-tmintax-il sena. Wara s-sena 2005 dawn l-affarijiet ma baqghux pero xorta baqa’ jbusu fuq ix-xuftejh u jghanqu. Huwa jiftakar li meta kellu hmistax-il sena l-imputat kien rega’ gie hawn Malta ghal xi tieg tal-familja. L-imputat kien xtara flat fl-akwati tar-Ramla taz-Zejtun u Marsascala fejn kien jiehdu jghum u jiehdu anki gewwa l-flat. Fl-okkazjoni ta’ meta rega’ gie beda’ jikxef il-parti privata tieghu quddiemu fejn anki kien jarma kamp. Huwa zied (a fol 32) li meta l-imputat kien ikun qieghed isuq il-karozza kien joqghod jaqbadlu idejh u jpoggielhu fuq il-parti privata tieghu, jew jaqbadlu idu jew jaghafslu iz-zokra. Meta hadu gewwa l-flat, l-imputat kien qallu li kien sejjer jinhasel u minn hemm hareg gharwien quddiem KB. Huwa kien joqghod ibusu anki fuq xuftejh u anki jghidlu biex jistriehu ftit fuq is-sodda. Meta l-imputat kien fuq is-sodda beda’ jghid lil KB  biex jigi hdejh u ma xtaqx imur izda li jitlaq l’hemm. Wara xi hin mar hdejh u qallu biex jinza l-malja li kellu fuqhu biex ma jxarrabx is-sodda. Huwa jiftakar li din kienet niexfa u mhux imxarba u meta neza’ l-malja waqt li kien fuq is-sodda, l-imputat beda jmissu kullimkien u joqghod ibusu. L-imputat kien qallu biex jaghmlu sexual intercourse pero’ huwa ma riedx li jaghmel xi haga mieghu ghalkemm l-imputat beda’ jinsisti li ma kienx se jwegga ghax ghandu l-vaselina pero ma kien gara xejn u waqfet hemm. Fil-fatt kien qallu biex jimmasturbah u minn hemm telqu biex iqassmu r-rizzi. Fil-fatt meta kien jimmasturbah kien jegakula. Huwa ma jiftakarx kemm il-darba mar gewwa l-flat tal-imputat pero jiftakar li kellu hmistax-il sena meta graw dawn l-affarijiet u hadu diversi drabi gewwa dan il-flat meta l-imputat kien gie Malta fl-1998. Huwa kompla jghid li fi Frar tas-sena 1999 rega’ gie l-imputat Malta flimkien ma hu l-imputat. KB dak iz-zmien kien bil-vakanzi tal-Ghid fejn jiftakar li l-imputat gie ghand ommu fejn beda’ jitlobha sabiex jiehdu jghix mieghu fil-flat minhabba li kien qieghed jiddejjaq

jghix wahdu. Ghalkemm KB ma xtaqx imur, beda’ jibza jghid l-ommu x’kien jaghmillu l-imputat u spicca xorta mar fil-flat tieghu (a fol 35) ghal gimgha. Huwa zied li ma kienx qal il-genituri tieghu ghax beza’ li jinkwiethom u ma jigix emnut fuq dak li kien gralu u kienet iddur kontrih. Huwa kien ihossu li qieghed jigi manipulat minn GM u kien jibza’ jghid le. Dawn l-abbuzi fuqhu kienu qanqlulu biza u l-attegjament tal-imputat kien ikun ta’ wiehed selvagg u goff meta jkunu qieghdin jaghmlu dawk l-affarijiet. Fil-fatt huwa kompla jghid li meta kienu jaghmlu dawn l-affarijiet, l-imputat kien jghidlu biex ma jghid lil hadd fuq li kien qieghed jigri bejniethom specjalment l-ommu u jkompli jghidlu li jaghmel hekk ghax kien ihobbu. Huwa kien jghidlu biex jaghmel hekk mieghu halli jkun jaf x’ghandu jaghmel man-nisa u li kien ihobbu daqs ibnu. Kull darba li kien jigi lura lejn Malta, l-imputat kien igib diversi rigali li jqumu l-flus u dejjem kien jghidilhom biex ma jghidu lil hadd minhabba li kien jirrespethom aktar minn haddiehor. Fis-sena 2000 ghal habta tal-Milied l-imputat rega’ gie Malta u dak iz-zmien KB kellu sbatax-il sena u dam Malta kwazi tmien gimghat. Ftit qabel ma kien gie l-imputat Malta, KB kien tela’ gewwa l-Kanada fl-istess sena meta kellu sbatax-il sena (a fol 60). KB prova jivvinta kull skuza biex ma jitlax gewwa l-Kanada pero’ kulhadd kien jghidlu biex ma jitlifx din l-okkazzjoni ghax ovvjament hadd ma kien jaf x’qieghed jigri. Fil-fatt l-imputat kien jghidlu li ma kien se jigri xejn u ghalhekk kien tela’ gewwa l-Kanada fejn dam kwazi hames gimghat. Sakemm kien hemm fil-bidu kien ikun hemm bews u tghannieq minn naha tal-imputat fuq KB. Jiftakar li huwa kien juza l-pool li kellhu mad-dar u darba minnhom kien qallu li ma riedx jikxef il-pool u qallu biex jidhol jistrieh mieghu fis-sodda. Ghalkemm prova jivvinta xi affarijiet biex ma jidholx hdejh xorta mar hdejn l-imputat. Waqt li kienu fis-sodda, l-imputat dar ghal fuqhu u beda’ jbusu u jmisslu kullimkien fejn anki nizzel il-qalziet u gieghlu jmisslu l-parti privata tieghu. Din kienet l-unika okkazzjoni li grat gewwa l-Kanada pero’ bews u tghannieq kienu jsiru ta’ kuljum. Dawn l-affarijiet graw fil-main bedroom tad-dar tal-imputat gewwa l-Kanada u ma kien ikun hemm hadd dak in-nhar li gara dan l-incident (a fol 62). Wara din l-okkazzjoni B jghid li rega’ ra lill-imputat ghal-habta tal-Milied tas-sena

2000 (a fol 40) fejn dam kwazi sitt gimghat jew aktar hawn Malta. Meta kien qieghed Malta, l-imputat kien jiehdu mieghu biex imorru jixorbu u mbaghad kien jiehdu gewwa l-flat tieghu u regghu graw l-istess affarijiet li kien jaghmillu qabel u cioe' abbuz sesswali. L-imputat kien jitfa' c-cavetta mas-serratura halli hadd ma jkun jista' jiftah il-bieb ta' barra u jidhol fuqhom ghall-gharrieda. F'dan iz-zmien l-imputat kien jimmasturba sakemm jegakula u kien jaghmel l-istess fuq KB. Huwa baqa' jiftakar f'din ghax kien hemm hafna tbaghbis u anki bews fuq il-parti privata tieghu u kien jaghmel l-istess lilhu (a fol 40). KB jghid li fis-sena 2002, l-imputat rega' gie Malta ghall-habta ta' Lulju minhabba li kienet se tizzewweg oht KB li kienet anki mexxiet id-data taz-zwieg taghha halli tkun tista' takkomodah minhabba li kien qal li ma setax jigi Malta. Wara kien qal lil KB li din ma kienitx vera. Fiz-zmien meta kien gie Malta, KB kellu dsatax-il sena u ghalkemm kien imur il-flat ghandu huwa kien joqghod ibusu u jghanqu. Ghalkemm KB kien jiktiblu huwa kien jaghmel sforz biex dawn l-affarijiet ma jkomplux isiru. Fil-fatt meta kien jigri hekk, l-imputat kien jiehu ghalih u anki meta jkunu qieghdin jitkellmu fuq it-telefon kien jaqtalu'. Meta rega' gie fis-sena 2003, KB kien jipprova kemm jista' jevitah u anki kien qallu li issa ghandu gharusa u ma jistax jarah. L-imputat kien jaghmel minn kollox biex jigi hdejh fejn kien jghidlu li hu veru jhobbu u jirrispettah ghax anki tellghu l-Kanada. Fil-fatt kien jigi ghalih biex b'hekk ma jkunx jista' jghid le u ma jigix mieghu. F'dawn l-okkazzjonijiet kien ikun hemm bews u tghannieq biss. Il-bews kien jaghtihomlu fuq xuftejh. Fis-sena 2005 (a fol 43) rega' gie hawn Malta pero' dak iz-zmien ftit kien rah minhabba li KB kien marad pero' xorta kien ikun hemm bews u tghannieq izda affarijiet ohra fizici flimkien ma kienux saru. KB spjega li kien tkellem issa u mhux dak iz-zmien (a fol 43) minhabba li kien jibza' li ma jigix emnut minn hadd u dejjem zammha ghalih. Meta ltaqa' mal-mara li ghandu llum hija bdiet tinduna b'certi atteggjamenti u minhabba li kien qieghed jimrad fetah qalbu maghha u qallha kollox. Fil-fatt huwa tkellem mal-kunjata tieghu minhabba li kien jaf li hija hadmet ma' nies b'certi problemi fejn din imbaghad qalet lil ommu dwar l-affarijiet li kien ghadda

minnhom u wara huwa mar ghand il-Pulizija u qallhom kollox.

KB xehed li wara l-esperenzji li kellu ma’ zijuh kien imur id-dar jigri u jinghalaq fil-kamra tieghu jibki ghax hassu mhawwad b’li kien qieghed jigri. Huwa dak iz-zmien ma kien jaf xejn dwar fatti tal-hajja, kif jigu t-tfal u affarijiet ohra relatati mas-sess. Meta gew spjegati lilu dawn l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu mas-sess aktar hass tahwid u fil-fatt huwa zied u qal li kien jghid lill-imputat li dawn l-affarijiet ma jmorrux hekk u sabiex ma jaghmilx affarijiet hekk fuq in-neputi tieghu (a fol 48). L-imputat dejjem kien jghidlu li qieghed jaghmel hekk halli jkun jaf x’ghandu jaghmel man-nisa u li kien ihobbu u jirrispetah. Wara li kien tkellem mal-pulizija fuq din il-kwistjoni ta’ zijuh kien inghata parir biex ma jibqax jaghmel kuntatti mieghu. Fil-fatt kien jibghatilhom diversi emails biex jara x’gara u ma kienu jghidulu xejn jekk garax xi haga jew le. Pero’ b’xi mod, l-imputat sar jaf li KB kien mar ghand il-Pulizija li qallhom x’kien gara. Fil-fatt il-mara tal-imputat pruvat titkixxef minn ghandu x’gara u hi qalet lil KB li ma ghamillu xejn. F’din l-okkazzjoni, KB wrieh li l-affarijiet li ghamel mieghu ma kienux cajt u affarijiet li taghmel ma’ tfal zghar. KB kompla jghid (a fol 51) li meta kien abbuzah l-ewwel darba l-imputat kien qallu biex jibda jiktiblu li fil-fatt hekk ghamel. Huwa kompla li f’dawn l-ittri huwa ma kien jghidlu xejn fuq dak li kien gara. L-imputat kien jiktiblu lura kwazi kull tlett gimghat u anki kien ikun hemm diversi telefonati. Kien hemm ukoll f’okkazjonijiet fejn kien jiktiblu fl-ittri jekk kienx joqghod jahseb fih u kemm kien jiehu pjacir mieghu u jekk kienx joqghod jiftakar fih meta kien jimmasturba. Fil-fatt dejjem kien jghidlu biex meta jircievi l-ittri ma jiftahom hadd hlief hu u wara jarmi kollox. Fil-fatt dan kien jibza’ li b’xi mod kien se jinqala’ xi nkwiet ghax kienu se jsiru jafu x’qieghed jigri. Huwa qatt ma zamm dawn l-ittri li kien jircievi minn ghand l-imputat. KB ikkonferma li ghalkemm l-imputat GM kien talbu biex jaghmlu att ta’ penetrazzjoni huwa ma kienx accetta (a fol 62) u dan ma sarx. Wara li KB kien fetah qalbu mal-mara tieghu minn x’hiex kien ghadda minnu meta kien zghir, huwa mar ifittex l-ghajnuna minn ghand il-psikologu Dr. Charles Azzopardi.

KB spjega li l-abbuzi sesswali saru diversi drabi meta kienu jmorru jghumu u meta bdew jonqsu tal-ghum bdew jizdiedu tal-flat (a fol 69) li jinsab fil-vicinanzi taz-Zejtun u Marsascala. Huwa qal li meta beda jmur fil-flat huwa kellu xi hmistax il-sena u cioe' kwazi fis-sena 1998 u gew esebiti diversi ritratti tal-flat fejn kien joqghod l-imputat u fejn KB qal li graw dawn l-affarijiet (dokumenti minn RA4 sa RA6) kif ukoll emails (dokumenti RA 7 sa RA 14). Huwa gharaf lill-imputat gewwa l-Awla bhala dik il-persuna li ghamlet dawn l-offizi fuqhu. Huwa esebixxa wkoll diversi ritratti ta' fejn kienu jsiru dawn l-abbuzi vicin l-bahar (a fol 125 b'dokumenti minn KB 12 sa KB 18) kif ukoll pjanta tal-flat (a fol 113) fejn kien isiru abbuzi ohra u ghadd ta' emails (a fol 103 sa fol 112). Illi mid-dokument li huwa esebixxa u cioe' mill-pjanta tal-flat gew immarkati minnhu fejn saru d-diversi abbuzi fuqhu ta' meta kien imur ghandu u qal li l-aktar li saru kienu fil-main bedroom. Mir-ritratti li gew esebiti huwa mmarka fuqhom fejn kienu jsehhu dawn l-abbuzi meta kien imur mieghu jghum vicin l-akkwati ta' Delimara (a fol 117). F'dan il-post kien jintrema' l-kamp ihares lejn il-bahar li kien ikun maghluq. Gie esebit minn KB video li gie mehud minn GM meta huwa kien tela' vakanza gewwa l-Kanada u mmarkat bhla dok KB 19.

Illi fil-kontinwazzjoni tax-xhieda tieghu, KB (a fol 119) semma modi ta' kif dan GM kien ikollu kontrol fuqhu bhal per ezempju kien jibghatlu l-flus halli jixtri telecard u jcempillu minn gewwa telephone box minflok mid-dar. L-imputat kien jippretendi li jcempillu u jkelmu u fil-fatt meta ma kienx icempillu kien jiehu ghalih. KB esebixxa lista shiha (a fol 100 sa fol 102) ta' dan it-tip ta' kontrolli kif iddeskrievihom hu fejn fost l-affarijiet li semma kien jitolbu biex jibghatlu ritratti b'zaqqu barra bi skuza biex jara kemm kiber. Kien hemm okkazzjoni fejn ir-rettur tal-kullegg ta' Sant Agatha talab ghall-ommu biex tigi tkellmu minhabba li kien ikun qieghed dejjem jiccassa pero' dak kien minhabba l-fatt ta' dak li kien gralu. Huwa jispjega li f'okkazzjoni minnhom meta kien gewwa l-flat tal-imputat kienu qieghdin fuq is-sodda meta gie ghall-gharrieda r-ragel t'ohtu biex jiehdu mieghu. Dakinhar hass li kienu salvawh minn dan id-demonju (a fol 122). L-imputat anki

waqt li ikun qieghed isuq kien jistaqsi lil KB biex joqghod imissu u anki jbusu fuq xuftejh (a fol 122). Huwa kompla biex jghid li ftit wara dawn l-abbuzi beda' jsoffri minn marda kronika u cioe Chron's Disease li skond it-tobba tigri meta persuna jkun ghaddej minn stress qawwi u kien fl-2005 li gie certifikat li qieghed ibati minn din il-marda. Gew esebiti diversi dokumenti in konnesjoni ma' din il-marda (dok RA 15 sa dok RA 18) li jikkonsistu f'certikati medici kif ukoll rapport tal-psikologu ta' KB (a fol 127). Fl-2006 l-imputat kien talbu biex jerga jitla gewwa l-Kanada halli jinsa ftit mill-problemi pero' KB ma marx. Dan tal-ahhar zied jghid li l-imputat dejjem kien jghidlu biex meta jegakola imur fil-kamra tal-banju u mhux fuq is-sodda. Kien hemm okkazzjonijiet li kien jghidlu biex jidhol jinhasel mieghu halli joqghod jimmasturbah u fl-istess hin ma jkunx hemm tracci.

Illi a fol 286 rega' tela' jixhed in kontro ezami fejn ikkonferma li l-ewwel darba li gie abbuzat mill-imputat kien fis-sena 1994 meta kellu hdax-il sena. L-imputat kien qallu biex jiehdu l-bahar ghar-rizzi fejn hemm gara l-ewwel incident mieghu gewwa l-kamp u qaghad gharwien. L-imputat kien qallu li joqghod gharwien biex joqghod jixxemmex pero' ghal KB din kienet xi haga kerha ghax ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel minhabba li qatt ma ra lil xi hadd gharwien hdejh. Huma kienu jarmaw kamp ghax kien l-imputat kien jghidlu li hemm ix-xemx. Meta rega' gie l-imputat, KB rega' qal li beda' jiehdu l-bahar u anki gewwa l-flat li kien xtara u rega' bdew l-abbuzi bhal qabel. Huwa ftakar li darba l-imputat kien dahal jinhasel u hareg gharwien u stiednu biex imur fil-kamra tas-sodda. Huwa zied jghid li hassu mhawwad b'li gara (a fol 289) tant li spicca fuq is-sodda u qallu biex jinza l-malja biex ma jxarrabx is-sodda. Huwa beda jbusu fuq xuftejh u jmisslu l-parti privata tieghu. Huwa kompla jghid li ghalkemm kien jitkellem mieghu fuq l-internet, kien jaghmel hekk ghax kien bniedem manipulattiv hafna ghax kien jghidlu li qieghed jurih rispett kbir. Kien jibza' jghidlu le lil dan il-bniedem pero kien jiktiblu u wara anki jibghatlu emails. KB qatt ma kien joqghod jitkellem mal-imputat rigward nisa jew li kellhu x'jaqsam maghhom sesswalment. Huwa cahad li qatt xi darba meta kiber u cioe' meta kellu xi

sbatax-il sena u anki meta kellu ghoxrin sena qatt ma' neza' gharwien u dahal fit-tinda li kien jarma l-imputat hdejn il-bahar u sabu gharwien hemm gew. Huwa qal li meta fetah qalbu hassu strah minhabba li kien qisu jghix gewwa habs minhabba dawn l-abbuzi u ghalhekk hass li ghandu jghid kollox lil Gloria (a fol 296). Minhabba l-marda li huwa jsoffri jaf li hija kundizzjoni genetika pero' zied jghid li dawn l-abbuzi minhabba l-istress jista' jghin biex izzied il-kundizzjoni. Fil-fatt huwa kkonferma li l-imputat kien jidhol fin-nofs biex jitkellem ghalih halli jixtrulhu dak li jixtieq mill-genituri tieghu (a fol 298). Huwa kompla jghid li s-sena 1994 ma jistax jinsieha ghax jiftakar li kienet l-ewwel darba li kien missu u l-imputat neza' gharwien quddiemu hdejn il-bahar u gieli mieslu l-parti privata tieghu. Huwa zied jghid li jibqa' jiftakar dik is-sena minhabba li hija xi haga li ma setax jinsa' ghax l-imputat dik is-sena kellu neputi fl-istess klassi ta' KB (a fol 302). Id-diskors li kien ikollu mal-imputat (a fol 304) kienu jaqghu fuq it-tfajla li kellhu dak iz-zmien KB izda s-suggett tas-sess ma kienx ikun hu li jibda' jitkellem fuqhu. Ghalkemm kien jitkellem mieghu b'dan il-fatt huwa qatt ma ried ikun vicin mieghu (a fol 305) pero kien ikun l-imputat li kien irid li KB ikun vicin tieghu. Huwa qatt ma kien ihobbu liz-ziju tieghu u spjega b'mod car ir-ragunijiet minhabba dak li kien jaghmel mieghu rigward l-abbuzi sesswali fuqhu. Huwa zied jghid li dak iz-zmien huwa kien jibza' jghid le minnhabba li kien jimmanipulah u jekk ma kienx jaghmel dak li l-imputat irid kien jiehu ghalih u b'hekk kien ihossu skomdu ghax m'ghamilx dak li ried (a fol 308).  Huwa qal b'mod car x'kienu r-ragunijiet ghala qatt ma tkellem fuq din il-haga qabel (a fol 308) ghax kien jghidlu li jinqala' hafna nkwiet fil-familja. Dak iz-zmien missier KB kien marid u ghalhekk beza' li se tikber il-kwistjoni u l-imputat kien jimmanipulah biex forsi jahseb li huwa gay.

L-imputat GM xehed f'din il-kawza (a fol 313) fejn qal li omm il-kwerelant tigi t-tifla t'ohtu. Huwa jghix gewwa l-Kanada fejn kien tela' fis-sena 1973 fejn izzewweg u ghandu tfal u neputijiet. Huwa sar jaf lil KB minhabba li familja tieghu dejjem kienu jkunu m'ommu u kienu jistiednuh meta kien jigi Malta ghal btala. Huwa qal li dawk

l-affarijiet li semma' KB kienu kollha gideb u ma jafx ghalfejn ivvinta dawn l-affarijiet. Huwa zied jghid li meta kien gie fl-1994 dan kien iltaqa' mieghu u minn hemm KB beda' jibghatlu ittri sakemm rega' gie fl-1998 u anki fl-1999. Dak iz-zmien kien xtara flat gewwa Marsascala fl-1995 imma huwa ma kienx niezel hawn Malta ghax kien hemm xi hadd jigi minnhu li kellu prokura. Huwa beda' juzah fis-sena 1998. Il-Pulizija qatt ma kienu kelmuh fuq dan il-kaz u l-ewwel darba li tkellem fuqu huwa waqt il-mori ta' din il-kawza. Huwa kkonferma li kien jarma kamp hdejn il-bahar minhabba li huwa kien jorqod fih waqt li KB kien johrog biex jaqla' xi bebbux jew mhar (a fol 317). Kien jarma dan il-kamp hdejn St. Peter's Pool u din kienet tkun xi darbtejn fil-gimgha pero' huwa qal li qatt ma kien joqghod gharwien hdejn K kif qieghed jallega huwa anzi kienu jinzlu jghumu flimkien jaqilghu r-rizzi. Huwa hass li KB kien close mieghu u kien jitkellem hafna mieghu fuq affarijiet personali. Huwa qal li KB kien jghidlu li l-familja tieghu ma jgibuhx (a fol 319) fejn skond l-imputat kien tkellem mieghu fuq is-sess u qallu hekk minhabba l-fatt li oht KB kienet harget tqila biex ma jinkwetax l-ommu. Kien fil-fatt KB li kien jghidlu biex ma jghidx l-ommu fuq din il-haga tas-sess mat-tfajla tieghu. Rigward il-marda li kellu KB huwa zied jghid li sar jaf biha ghax kienet ommu stess li qaltlu. L-imputat kien kellem tabib gewwa l-Kanada halli jara jekk jistax jibghatlu xi kura mill-Kanada. Huwa kompla (a fol 321) li kien jircievi emails minghand KB kwazi xi darbtejn fil-gimgha u hu kien jirrispondihom lura fejn anki kien jibghatlu emails mill-account tax-xoghol fejn kien jahdem K pero' kien jghidlu biex ma jibghatlux fuq tax-xoghol izda fuq email account tad-dar. Huwa kompla li f'dawn l-emails kien jibghatlu messaggi fejn jghidlu kemm ihobbu u jirrispettah. Illi huwa kompla jghid li qatt ma kellu gibda sesswali lejn KB (a fol 321) u l-imhabba li kellu kienet bhala neputi daqs kemm kien ihobb lin-neputija tieghu ohra. Huwa kkonferma li kien jaghtih pocket money kull meta kien ikun Malta kif ukoll kien jibghatilhom meta kien ikollhom birthdays jew fil-Milied. Huwa qal li kien jitkellem ma' missieru biex ihallih jixtri xi affarijiet li xtaq KB bhal karozza, d-dghajsa jew is-senter. L-imputat qal ukoll (a fol 323) li fl-2005 KB kien cempillu xi erba' darbiet u gie ghalih l-airport fejn l-imputat kien qallu li huwa ma kienx

se jcempillu jekk ma jcempilx huwa. Dan qallu hekk ghax fis-sena 2002 waqt li kellhom kamp armat hdejn il-bahar, KB dahal fuqu fil-kamp gharwien u dahal jorqod hdejh. Huwa qam u sabu f'dak l-istat. Huwa qal li qam u mar jghum u induna li fil-fatt ma kienx rieqed (a fol 324). Meta kien jiltaqa' mieghu s-suggett kien ikun fuq kollox, mard, imhabba u affarijiet ohra fejn anki kien qallu li kellu tfajla. Wara s-sena 2002 l-imputat kien johrog ma' KB wahedhom u kienu johorgu biss jekk icempillu u fis-sena 2003 kienu jmorru jghumu biss u ma gara xejn. Huwa jghid li qatt ma ghamel xi avvanzi lejh jew hu lilu (a fol 327) u accetta li kien ibusu fuq xuftejn u jghanqu pero' kienet biss bewsa. L-imputat GM jsostni li huwa qatt ma neza' gharwien hdejh jew li qal lil KB biex jinza' gharwien. Kienet biss dik l-okkazzjoni li meta dahal KB gharwien hdejh. Fil-fatt huwa kkonferma li meta jcempel kien dejjem isaqsi ghan-neputi tieghu u qal li huwa kien il-favorit tieghu. Huwa zied jghid li l-gibda li kien hemm kienet wahda ta' ziju u neputi u mhux sesswali. Huwa qal li ghalkemm kien ibusu fuq xuftejh lin-neputijiet l-ohra ma kienx jaghmel l-istess. Huwa zied jghid li fil-flat tieghu mhux lil KB biss ha fejn u kien stieden familjari ohra wkoll. Huwa kkonferma li fil-familja tieghu hemm diversi subien ohra jigifieri li hemm hames subien ohra apparti KB pero' qatt ma bieshom lil dawn it-tfal fuq xuftejhom jew li gew ghandu fil-kamp li kien jarma hdejn il-bahar pero' gieli telghu ghandu gewwa l-Kanada. Huwa nnega li kien mar ghal KB gurnata minnhom minn fil-ghodu u zammu ghandu sa fil-ghaxija fejn hadu mieghu gewwa Marsascala (a fol 371). Illi huwa qal li meta kien imur ghar-rizzi kien imur gewwa l-flat tieghu flimkien ma' KB biex ikissruh hemm u ghalkemm kien jinhasel hemm u qatt ma seta jarah gharwien. Fil-fatt huwa qal li KB qatt ma kien jinhasel hemm. Ghalkemm ma kien jghid lil hadd biex jigu ghandu, KB kien ikun ta' spiss ghandu u dejjem kienu jkunu l-bicca l-kbira wahedhom (a fol 373). Huwa nnega li qatt xi darba nizzel il-malja ta' KB meta kienu fil-kamp pero' zied jghid li kien KB li neza' gharwien quddiemu. Huwa qatt ma gibidlu l-attenzjoni fuq hekk u l-unika haga li ghamel kien li libes u hareg 'il barra mit-tinda u lanqas matul iz-zmien ma talab spjegazzjoni minghandu ghala ghamel hekk. Huwa qatt ma tkellem ma hadd fuq

din il-haga jew b'xi mod li juri lil genituri ta' KB. Huwa zied jghid li l-genituri ta' KB ma kienux igibuh ghax hassu li ma kienx f'postu li jindahal (a fol 376). Huwa kompla li meta gie mistoqsi ghala kien jinsisti li jibghatlu emails hu wiegeb li kien jirrispondi meta K kien jibghatlu (a fol 377). Rigward il-btala li kien ghamel KB gewwa l-Kanada huwa kellu kamra ghalih fejn jorqod u l-imputat kien jidhol biss biex iqajjmu mis-sodda u mhux kif kien allega KB (a fol 377). Huwa kompla jghid li meta kien imur jghum gewwa Delimara fil-post ma tantx kien ikun frekwentat min-nies u li kien jiehu l-kamp mieghu biex jevita x-xemx. Meta gie mistoqsi ghala kien jaghzel jghum in-naha ta' St. Peter's Pool li huwa daqshekk imwarrab qal li ghazel dak il-post ghax ikun hemm il-kwiet (a fol 379). Ghalkemm kien jigi mal-familja tieghu hawn Malta huwa qatt ma ha l-mara tieghu f'dawn l-akkwati jew kienu jkunu mieghu meta kien ikun hemm KB (a fol 380) ghax skond hu kienu l-familja tieghu kienu jmorru f'postijiet ohra. Lanqas it-tifel tieghu ma kien jiehdu f'dan il-post gewwa Delimara. Meta kien jinzel ghar-rizzi kien imur fil-flat tieghu biex ikissruh u anki kienu jmorru ghand ommu biex ikissruh. Fil-flat ma tantx kien idum sempliciment kien jidhol jinhasel u jitlaq 'l barra minn hemm u kien idum biss xi tlett kwarti. Huwa ikkonferma li ghalkemm kien ikun hawn il-mara tieghu, hija ma kinitx taf li kien ibus lil KB fuq xuftejh u kien hu li qalilha kollox inkluz l-incident li meta KB dahal gharwien hdejh (a fol 383). Huwa kompla jghid li l-mara tieghu kienet taf li kien hemm rispett kbir lejn KB pero' huwa nnega li fil-fatt dan kien mar jiccekja fuq il-marda li kellu KB kinitx xi marda li jista' jehodha hu. Huwa qal li mar jara l-affarijiet ghand it-tabib tieghu ghax kien hemm rispett lejn KB (a fol 384). L-imputat qal li ghalkemm sar jaf li l-marda li ghandu KB hija genetika u l-istress tghin aktar biex tizdied lilu ma gietux f'rasu li b'xi mod il-bews u tghannieq u l-incident ta' fejn il-bahar setghu affetwaw is-sahha ta' KB. Meta mistoqsi x'kienet ir-raguni li kien jibghatlu l-flus halli jixtri telecards, huwa qal li dan KB ma kienx ikun irid jitkellem mid-dar fejn huwa kompla li ghalkemm kien jibghat emails, huwa ma tantx jaf jittajpja[1].

[1] Hawnhekk il-Qorti qaltlu li rat l-emails u taf li jaf juza l-computer u tablet ezatt ghar-raguni li jibghatlu l-flus u jkellmu billi jcempillu mhux mid-dar (a fol 386).

Illi skond hu ma kienx jitkellem mieghu fuq il-computer halli meta jcempillu joqghod jisma' lehnu ghax kien jirrispettah. Huwa kompla jghid li lil K kien jaghtih rigali bhal ma kien jaghti lil haddiehor u mhux veru li kien jippreferi jaghti aktar rigali minn ohrajn. Huwa kien jaf li KB kien ihobb certu ditta u kien igiebhom mieghu meta kien jigi Malta ghal btala (a fol 387). Illi huwa qal li fil-fatt mhux veru li huwa kien joqghod jiffittah halli jinza u lilu qatt ma qallu xi haga li kien qieghed jiddejaq b'dak li ghamillu (a fol 388). Huwa ikkonferma li meta kien jibghatlu l-ittri kienu jkunu separati u mhux f'envelope wiehed. Huwa qal li kien jaghmel hekk ghax kien jghidlu xi affarijiet privati u l-imputat kien jirrispondih. Huwa ghazel li ma jibghatx emails ghax KB kien qallu li l-ohtu kienet tiftah l-emails tieghu (a fol 389). Huwa qal li KB gieli cempillu darba fil-gimgha u gieli darba kull hmistax (a fol 390). Huwa qal ukoll li qatt ma qal lil l-omm KB biex ma tiftahx l-ittri li kien jibghat lil KB. Huwa ftakar (a fol 391) li ommu kienet qaltlu li fethet l-ittri tieghu u qallha biex ma tghamilx hekk pero' kienet din l-okkazzjoni biss. Ir-raguni li qallha hekk ghax KB kien joqghod jitkellem fuq affarijiet ta' mhabba u beza' li ommu tghidlu xi haga (a fol 391). L-imputat gie muri email RA 7 li kienet komunikazzjoni ma' neputi iehor certu Vince li jghix fl-Awstralja fejn fl-ahhar ta' din l-email l-imputat kiteb u qal li huma ma jezistux aktar (a fol 393) minhabba li sar jaf dwar l-abbuzi fuq K. Huwa jghid li ghalkemm beda' jinqala' dan l-inkwiet huwa ma zammx kuntatt aktar ma' KB. Illi skond l-imputat ir-rispett huwa mhabba u ghalhekk fl-ahhar tal-ittri jew emails kien jikteb li jhobbu hafna. Ghalkemm kien jinsisti li jibghatlu l-emails ghax meta ma kienx jircievi kien jahseb li inqala' xi haga (a fol 394). Meta mistoqsi mill-Qorti ghala ma kienx icempel meta ma kienx jircievi xi haga huwa qal li huma kienux jirrispondu t-telefonati (a fol 351) ghalkemm kien jaf li qeghdin jircievu l-emails izda ma kienux jirrisponduhom. Huwa kompla jghid li ghalkemm KB kien icempillu huwa dejjem sabu d-dar minhabba li kien jghidlu meta ghandu jcempel u x'hin ghax kien jibghatlu l-emails fuq hekk. Huwa kien jahdem b'shifts daqqa fil-ghodu u bnadi ohra wara nofs-in-nhar. Meta mistoqsi jekk ghandux fissazzjoni fuq dan it-tifel (a fol 353) huwa qal li huwa maghmul hekk ghax anki fuq il-mara u t-tfal tieghu hekk

jaghmel. Meta kienu jitkellmu fuq l-Internet skond l-imputat kien ikun KB li jibda jitkellem fuq suggett partikolari ghax kien jaghtih xi hint biex jibda jaghmel dan specjalment fuq affarijiet privati. L-imputat kien ikun online fuq l-Internet jitkellem man-neputija tieghu u jinduna li jkun dahal fuqhom KB ukoll u jibda' jitkellem mieghu. Illi l-imputat gie muri dokument KB 5 li hija email li baghat KB lilu fejn gie rimarkat li fil-kummenti tieghu li baghat lil KB jindika li kien kellmu darba biss online. Huwa qal li fuq affarijiet x'kien ihoss ghalih ma kienx jitkellem fuqhom. Huwa kien jitkellem mighu ghax jidher li ma kellhux ma' min jiftah qalbu u ghalhekk kien jipprova jitkellem mieghu. Fis-sena 1999 l-imputat jispjega li kien gie Malta flimkien ma huh izda ma kienx qallu biex jigi jghix mieghu fil-flat ta' Marsascala. Huwa qal li fl-ahhar gimgha li kien baqghu hawn K kien gie ghandu pero' huwa jinnega li qal lill-ommu biex K jigi ghandu jghix fil-flat tieghu. Huwa jghid li kien KB li qal lill-ommu biex imur jghix mieghu fil-flat u mhux qallu biex jigi ghandu. Huwa qal (a fol 361) li meta kien gie ghandu dik il-gimgha kienu jorqdu fl-istess sodda. Huwa ikkonferma li kien hemm aktar sodod fid-dar pero skont l-imputat kien KB li qallu li kien irid jorqod hdejh. Dak iz-zmien KB kellu xi hmistax jew sittax-il sena. Huwa qal li sempliciment kien ibusu u jidhlu jorqdu. Illi ghalkemm ix-xhud qal li kien imdejjaq wahdu huwa qatt ma talab lil huh jigi joqghod ghandu mieghu. Ghalkemm (a fol 363) huwa qal li kien huwa stess li talab lil KB jigi ghandu u kompla zied jghid li huwa persuna privata u jhobb li jkun ghalih. Dak iz-zmien ta' din il-kwistjoni l-imputat kellu hamsin sena u jkompli jghid (a fol 364) li kien KB biss li jaghtih il-wens ghax ma huh ma kienx jaqbel. L-imputat jghid li sar jaf bir-rapport tal-Pulizija minghand xi familjari tieghu (a fol 366) fejn qabad u cempel lil familja ta' KB u dawn qalulu li ma jridux jaf aktar bih u KB ma tahx spjegazzjoni ta' dak li gara. Huwa qal li meta kellem lil KB huwa kien jghid cajt sesswali bil-paroli u qatt ma ghamel mieghu affarijiet ta' natura sesswali. Huwa kompla qal li gieli staqsih jekk kienx igerrih (a fol 369) u dan gara fis-sena 2007 u beda jitkellem hekk mieghu biss fuq dawn l-affarijiet fiz-zmien meta kiber. L-imputat qal li fis-sena 2007 ma nizilx Malta ghax kienet mardet il-mara tieghu u ghamlet operazzjoni. Huwa nnega li ma giex Malta dik is-

sena minhabba li sar rapport mal-Pulizija (a fol 370) u sostna li hassar il-mawra tieghu lejn Malta minhabba li l-mara tieghu kienet marida u dahlet taghmel xi operazzjoni (a fol 331). L-imputat ikkonferma wkoll ir-ritratti li gew esebiti li ghandhom x'jaqsmu mal-post fejn kien imur jghum flimkien ma' KB0 u cioe' gewwa St. Peter's Pool vicin Delimara u kkonferma wkoll li l-email address li kien juza huwa omissis u l-pjanta tal-post li ghandu gewwa Marsascala. Rigward l-ittri li kien jibghat lil KB indirizzati ghalih, huwa qal li l-istess KB ried fil-fatt li jkunu hekk u mhux ghax kien jitkellem fuq affarijiet personali mieghu li ghamlu ma xulxin izda ghax KB ried li ommu ma tkun taf b'xejn b'dak li kien qieghed jaghmel mat-tieni tfajla tieghu. Meta kien jiktiblu kien jikteb rigward biex ma joqghodx jinkwieta lill-ommu (a fol 346). Huwa kkonferma li fil-fatt kien jibghatlu l-flus minn jeddu halli jcempillu u ghalkemm kien qallu certu diskors fuq it-tfajliet u sess l-unika haga li hass li hija xokkanti hija l-fatt li dan KB neza' gharwien hdejh (a fol 347) u lanqas hass li ghamel xi haga hazina meta staqsih rigward jekk kienx ra nisa gharwenin.

Ikkunsidrat

Ghandu jinghad li l-Prosekuzzjoni ma prezentatx stqarrija tal-imputat stante li skond ma xehed l-ispettur Raymond Aquilina l-imputat kellu jingieb hawn Malta mill-Kanada wara hrug ta' Mandat t'Arrest Internazzjonali.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti ghall-ahhar. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji

ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb

tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi ghalkemm xehdu diversi familjari f'din il-kawza wiehed irid jinnota li dawn ix-xhieda xehdu biss fuq dak li kien qalilhom KB wara l-akkadut. Din il-Qorti izda wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda moghtija minn KB u wara li rat ir-recording relattiv ghax-xhieda tieghu fejn setghat tosserva il-komportament tieghu waqt li qed jixhed, m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-kredibilita' ta' dan ix-xhud. Il-Qorti jidrilha li KB qal il-verita kollha meta xehed f'dawn il-proceduri u ma tara ebda raguni il-ghala huwa kellu jivvinta din l-istorja kollha kif qed jissuggerixxi li ghamel l-imputat u wara li ghadda tant zmien meta huwa kiber u kien f'relazzjoni felici ghajr ghaliex kien qed jghid il-verita' u xtaq li johrog l-affarijiet koroh li kienu grawlu meta kien izghar u li dejjem zamm repressi fih. Huwa ben risaput li vittmi ta' abbuz sesswali jkunu iridu l-'hekk imsejjah closure u li hafna drabi isibu dan it-tip ta' closure meta jitkellmu dwar dak li jkun gralhom u jaraw li ttiehdu passi fil-konfronti ta' min ikun effetwa l-abbuz fuqhom. Il-Qorti min-naha l-ohra sabet diffikolta' kbira sabiex temmen dak li beda' jsostni l-imputat fid-deposizzjoni tieghu fejn huwa ta spjegazzjonijiet ghal kollox inaccettabbli u li difficilment jitwemnu dwar ir-ragunijiet il-ghala meta huwa kien jigi ghal btala hawn Malta kien dejjem ifittex li jqatta' dak il-hin

kollu wahdu mal-vittma u dan anki f'dawk l-okkazzjonijiet fejn kien ikun hawn il-familja tieghu mieghu. Illi inoltre meta wiehed imbaghad jara x-xhieda ta' Dr. Charles Azzopardi li huwa psikologu fejn dan ikkorrobora pjenament dak li xehed l-imputat. Il-Qorti tippreciza li hadet in konsiderazzjoni tax-xhieda ta' Dr. Azzopardi limitatament ghal finijiet tal-assessment tieghu dwar l-effetti psikologici li hallew il-grajjiet in dizamina fuq l-imputat u mhux bhala korroborazzjoni tal-fatti li graw u dan ghaliex dan ix-xhud kien ovvjament qed jirrepeti dak li qallu il-pazjent fis-sessjonijiet ta' terapija. Dr. Charles Azzopardi (a fol 207) qal li huwa psikologu u terapista tal-familja. KB kien gie ghandu minhabba esperjenzi ta' abbuzi sesswali fuqu. Saru diversi sessjonijiet ta' terapija biex isir assessment inizjali. Kien gie ghandu l-ewwel darba fis-sena 2007 u dan ix-xhud spjega li meta persuna jghaddi minn dawn l-esperenzji ta' abbuzi l-effetti taghhom johorgu bicca bicca u ghalhekk minhabba li kienu repressi go fih, kienet xi haga difficili li johrog dak li kien ghaddha minnu u jkun hemm element ta' biza'. Dan ix-xhud spjega li KB kien semma' li kien iz-ziju t'ommu li kien jabbuzah u anki li huwa fatt li ghalkemm kien ikun imsiefer kien ihossu intimidat minnu u t-terapija ghenitu jiftah qalbu. Illi huwa semma li l-bizat li jghaddi minnhom B minhabba li llum ghandu tarbija u jibda' jissielet mieghu nnifsu fis-sens jekk hux hu se jsir abbuziv ukoll u minhabba f'hekk ma jkunx jista' jiffunzjona sew bhala missier.

Ikkunsidrat

Illi wara ezami akkurat ta' dak li qal l-imputat GM il-Qorti hija tal-fehma li jidher bic-car li huwa kellu gibda kbira lejn l-kwerelant kwazi tista' tghid fissazzjoni lejh. Tant hija cara din il-fissazzjoni li giet murija f'bews fuq ix-xuftejn u tghannieq li skond KB baqghu anki meta huwa kien maggorenni. Deher bic-car li l-imputat riedu l-hin kollhu u f'kull okkazzjoni li dan KB irid ikun mieghu kull fejn kien. Wiehed jara wkoll li l-imputat kien ifittex lil KB u kien l-unika wiehed li kien joqghod ibusu fuq xuftejh xi haga li qal huwa stess li ma kienx jaghmel lil ebda neputi iehor li kellu. Ghandu jigi nnutat li ghalkemm l-imputat jghid li kien hemm diversi rigali ta' flus u hwejjeg lil B, ma ssemitx

okkazzjoni wahda li kien hemm xi argumenti jew li wiehed jista' jasal ghal xi konkluzzjoni li KB ghamel rapport kontrih bhala tpattija.

Il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-verzjoni moghtija minn KB ghandha titwemmen u tirritjeni li huwa pjuttost inverosimili dak li qieghed jipprova jghid l-imputat li huwa kien ifittex li jqatta’ dak il-hin kollu mal-kwerelant ghaliex kellu rispett kbir lejh u xejn aktar u jidrilha li l-attenzjoni kollha li l-imputat kien jirrivolgi lejn KB u li tirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-istess B izda anki minn provi cirkostanzjali u minn xhieda ohra ma kienet xejn ghajr gibda sesswali lejh li kienet tinducih jaghmel l-affarijiet li effettivament jghid li ghamel fuqu KB.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li KB gie abbuzat sesswalment mill-imputat GM. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk il-fatti li ghandha quddiemha jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 jew altrimenti fir-reat ta’ istigazzjoni ta’ korruzzjoni ta’ tfal ta’ taht l-eta’ kontemplat fl-Artikolu 203A jew fir-reat ta’ attentat ghall-pudur bi vjolenza kontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li lkoll gew citati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tal- 3 ta’ Dicembru 2009.

Ir-reat ta’ **korruzzjoni ta’ minorenni** huwa ipotizzat fl-Artikolu 203 li jipprovdi hekk:

*”kull min, b’egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta’ taħt l- eta, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati….*

Is-sub-artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe’:

a. jekk d-delitt isir bi hsara ta’ persuna li m’ghalqitx l-eta ta’ tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk d-delitt isir b’theddid jew b’qerq;
c. jekk d-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi

zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu ***Notes on Criminal Law***, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe :

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena;
2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Il-Professur Mamo jirritjeni li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example become he or she was to some degree already depraved-whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fl-20 ta' Frar 1975 fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Portelli** gie ritenut li l-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia' milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell**

**Kriminali** fit-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** fejn gie ritenut:

*"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza'(Manzini,V., op.cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl – in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed – with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*As to the requirement of the actual defilement, this is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the appointed Judge-the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases-taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 **ta' Jannar 1998**, il-**Qorti tal-Appell Kriminali** qalet illi:

*"Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvillup fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita morali tal-minorenni."*

Illi inoltre gie stabbilit li anke jekk minorenni jkun gia' "korrott" ma jistax jigi eskluz a priori li certi atti ma jistghux jikkorrompuh ulterjorment. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

esprimiet ruhha diversi drabi f'dan is-sens. Fil-kawza **Pulizija vs Andrew Bonnici** (deciza fit-**23 ta' Jannar 1998** ntqal hekk:

*'Tifel …. li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel … kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi f'l-istess sens:

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Illi ntqal ukoll fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmelo Spiteri** (App**. Kriminali deciza fl-20/3/1998)** li:

*"Meta minorenni ikun gie moghti ghall-vizzju, jista' cio' nonostante jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghaliex hadd ma ghandu l-jedd ikompli jispingi fuq it-triq tal-vizzju lil min forsi jista' jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-

estremi kollha ta’ dan ir-reat u l-imputat GM ser jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 203 bic-cirkostanzi aggravanti taht l-Artikolu 203(1)(a) u (c). Dan jinghad ghaliex ma hemmx dubbju li l-agir tal-imputat kien jikostitwixxi atti di libidine li waslu ghall-korruzzjoni tal-minuri koncernat. L-Artikoli 203A u 207 tal-Kodici Kriminalli ndikati mill-Avukat Generali ser jigu meqjusa li inghataw bhala alternattiva ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 203 li tieghu l-imputat ser jinstab hati.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ sekwestru ta’ persuna bl-ghan li din il-persuna tigi mgeghla taghmel xi haga li tmur kontra l-misthija tas-sess taghha. Illi l-Artikolu 86 (bic-cirkostanzi aggravanti taht l-Artikolu 87) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid li jkun hati tar-reat ta’ sekwestru ta’ persuna:

*“kull min, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata”.*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:

*“the words “arrest” “detention” and “confinement” are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: “Il reato preveduto nell’articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.” (ROBERTI – ibid, para 323). Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.”*

Illi pero’ fil-kaz ta’ arrest illegali ta’ persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta’ stupru, korruzzjoni ta’ minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta’ arrest illegali. Il-**Qorti Kriminali** rribadiet fil-

kawza **Repubblika ta’ Malta vs Dennis Pandolfino et deciza 19/10/2006** li;

*“Dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent… jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’hafna kazi l-att sesswali f’certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru. Imma ancorche’ kellu jirrizulta li… f’xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita’ normali taghhom.”*

Illi fil-kaz odjern irrizulta li KB kien imur mal-imputat gewwa l-limiti ta’ Delimara jew fil-flat li kellu gewwa Marsascala wara li l-imputat kien jgahddi ghalih id-dar u jiehdu jghum. Kien hemm okkazzjonijiet li kienet l-istess omm ta’ KB lli kienet tibghatu mieghu u huwa wkoll thalla jmur joqghod ghal xi zmien fid-dar tieghu. Minn imkien mix-xhieda ta’ KB ma hareg li fil-fatt meta kienu imur mieghu ma thalliex jitlaq. Anzi f’parti mix-xhieda tieghu semma li ghalkemm ma xtaqx joqghod hdejh xorta mar fuq is-sodda. L-unika mument li wiehed seta’ jghid li kien imsakkar gewwa l-flat huwa fejn huwa semma li l-imputat kien pogga c-cavetta fil-lock halli ma jidhol hadd fuqhom. Izda meta gie r-ragel t’ohtu huwa telaq minn hemm minghajr problemi ta’ xejn. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Fir-rigward tar-raba’(4) mputazzjoni il-Qorti ser tissolleva l-preskrizzjoni ex ufficio ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kodici Kriminali. KB irrakkonta li meta kellu biss hdax-il sena GM li kien jigi z-ziju t’ommu u jghix gewwa l-Kanada kien hadu

vicin il-bahar gewwa l-limiti ta' Delimara biex jaqbdu r-rizzi. Fuq il-post, GM rama' tinda fejn dahhal lil minuri ta' hdax-il sena u cioe lil KB fit-tinda. L-imputat kien joqghod gharwien quddiemu u anki kien jghidlu biex imisslu l-parti privata tieghu. Kien hemm okkazzjonijiet fejn anki kien jghid lil KB biex joqghod jimmasturbah u anki biex ibuslu l-parti privata tieghu. Dawn l-affarijiet graw diversi drabi fis-sena 1994 meta l-vitma kellu biss hdax-il sena u jidher ukoll li qed issir referenza ghal dak li gara fl-2003 u fis-snin ta' qabel. L-imputat tressaq fis-sena 2008. Jekk wiehed jara l-piena stabbilita' ghar-reat kontemplat taht l-Artikolu 209 jinduna li dan ir-reat igorr piena f'massimu ta' tlett xhur prigunerija fejn bir-reat kontinwat il-piena stabbilita tizdied minn grad sa tnejn u cioe' tista' titla' sa massimu ta' disa' xhur. L-azzjoni kriminali tkun preskritta wara sentejn skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali. Jidher ghalhekk li din l-azzjoni hija preskritta u sejra titqies bhala estinta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati, il-fatt li l-agir in dizamina sehh b'mod ripetut, il-fatt li l-imputat aprofitta mill-fiducja li wrew fih il-genituri tal-minuri meta hallew lil binhom mieghu u principalment l-effetti psikologici negattivi li l-agir tal-imputat halla fuq il-vittma u fic-cirkostanzi jidrilha lli ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-3 ta' Dicembru 2009 u senjatament fl-Artikoli 18, 31 u 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt(6) snin prigunerijia. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha u stante li t-tielet(3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Wara li rat l-Artikoli 694 u 688(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara l-azzjoni ndikata fir-raba'(4) mputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum fejn il-persuni protetti huma KB u l-familja tieghu.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri nvolut u tal-imputat u dan sabiex tigi protetta l-identita' tal-istess minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------